# LINJI GWIDA

## LINJA GWIDA (UE) 2020/381 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

### tal-21 ta' Frar 2020

### li temenda l-Linja Gwida (UE) 2017/2335 dwar il-proċeduri għall-ġbir ta' mikro*data* dwar il-kreditu u r-riskju tal-kreditu (BĊE/2020/11)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) u (5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 5.1, 12.1 u 14.3 tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (UE) 2016/867 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/13) [1], il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu jipprovdu lill-aġenti li jirrapportaw mikro*data* dwar il-kreditu u dwar ir-riskju ta' kreditu (iktar 'il quddiem "*data* dwar il-kreditu"), inkluża *data* dwar il-kreditu miġbura minn BĊN ieħor, billi jistabbilixxu ċirkwiti ta' feedback ġodda, jew isaħħu dawk eżistenti jew servizzi ta' informazzjoni oħrajn mingħand reġistri ċentrali tal-kreditu (RĊK) lill-aġenti li jirrapportaw.

(2) L-iskop ta' dawn iċ-ċirkwiti ta' feedback huwa li jingħata appoġġ lill-aġenti li jirrapportaw fil-valutazzjoni tal-affidabbiltà tal-kreditu tad-debituri, kif ukoll biex jitjieb l-immaniġġjar tar-riskju ta' kreditu tagħhom. Iċ-ċirkwiti ta' feedback jippermettu lill-aġenti li jirrapportaw jiksbu ħarsa ġenerali aktar kompluta tad-dejn ta' debitur jew ta' debitur prospettiv peress li l-informazzjoni disponibbli tingabar mhux biss mill-BĊN rilevanti iżda wkoll minn BĊNi oħrajn. Il-forniment ta' *data* dwar il-kreditu lill-BĊNi sabiex jistabbilixxu jew isaħħu ċirkwiti ta' feedback lill-aġenti li jirrapportaw se jtejjeb għalhekk il-kontribuzzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja f'konformità mal-mandat statutorju tagħha skont l-Artikolu 127(5) tat-Trattat. Għalkemm l-għadd ta' BĊNi li inizjalment qegħdin jipparteċipaw fil-qafas taċ-ċirkwiti ta' feedback huwa limitat, dan jista' jiżdied fil-futur peress li din il-parteċipazzjoni hija volontarja. Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni magħmula disponibbli permezz taċ-ċirkwiti ta' feedback fuq din l-iskala inizjalment limitata tibqa' kruċjali biex jiġi evitat tfixkil possibbli fil-proċess ta' intermedjazzjoni finanzjarja peress li ttejjeb l-analiżijiet tar-riskju ta' kreditu tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, b'mod partikolari fir-rigward ta' debituri transkonfinali, u b'hekk fl-aħħar mill-aħħar tikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja.

(3) Fil-qafas legali attwali, il-BĊNi jistgħu, fuq bażi volontarja, jiskambjaw u jużaw subsettijiet ta' *data* dwar il-kreditu biex jipprovdu aċċess għalihom lill-aġenti li jirrapportaw permezz taċ-ċirkwiti ta' feedback. Is-SEBĊ impenjat ruħha li taġġorna l-qafas legali sabiex tkompli tarmonizza ċ-ċirkwiti ta' feedback li l-BĊNi jipprovdu lill-aġenti li jirrapportaw.

(4) Għaldaqstant Jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas xieraq għal din l-attività, li hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13) rigward id-drittijiet u l-obbligi tal-BĊNi b'rabta maċ-ċirkwiti ta' feedback. Dan il-qafas għandu jistabbilixxi l-obbligi tal-BĊE u tal-BĊNi li jipparteċipaw fih ("BĊNi parteċipi"), inkluż fil-perijodu tal-ittestjar qabel id-data meta l-BĊNi individwali jibdew jipparteċipaw, filwaqt li jqis ir-restrizzjonijiet relatati man-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni u ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni.

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/867 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Mejju 2016 dwar il-ġbir ta' mikrodejta dwar il-kreditu u r-riskju tal-kreditu (BĊE/2016/13) (ĠU L 144, 1.6.2016, p. 44).

(5) Għall-BĊNi parteċipi, il-qafas taċ-ċirkwiti ta' feedback tal-AnaCredit għandu jiddefinixxi wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tad-*data* li għandha tiġi pprovduta għal finijiet ta' ċirkwiti ta' feedback skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13). B'mod partikolari, Jenħtieġ li d-*data* dwar il-kreditu u d-*data* ta' referenza tal-kontroparti relatata jkunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni sabiex l-aġenti li jirrapportaw ikunu jistgħu jevalwaw aħjar l-affidabbiltà tal-kreditu ta' debitur.

(6) L-istandards għall-protezzjoni u l-użu ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali miġbura mis-SEBĊ kif stipulat fl-Artikoli 8 sa 8c tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 ([2]) għandhom japplikaw għall-qafas.

(7) Il-BĊNi li ser jipparteċipaw fil-qafas taċ-ċirkwit ta' feedback għandhom jiġu elenkati f'anness, flimkien mad-data minn meta jibdew jipparteċipaw u b'hekk isiru BĊNi parteċipi. Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-proċedura li għandu jsegwi BĊN li m'huwiex fost il-BĊNi elenkati fl-anness rilevanti u li jixtieq li jsir BĊN parteċipi, u l-proċedura biex BĊN parteċipi jtemm il-parteċipazzjoni tiegħu. Jenħtieġ ukoll li tiġi stabbilita l-proċedura li għandha tiġi segwita meta BĊN parteċipi jkun jixtieq jibdel il-parametri għall-kondiviżjoni tad-*data* fit-tabella stabbilita fl-anness rilevanti. Kull bidla bħal din f'dik il-lista (inkluż sad-data minn meta BĊN isir BĊN parteċipi) u f'dik it-tabella fl-annessi rilevanti għandhom isiru permezz ta' emendi tekniċi skont l-Artikolu 20 tal-Linja Gwida (UE) 2017/2335 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/38) ([3]).

(8) Il-BĊNi elenkati fl-anness relevanti għandhom ikunu kapaċi jittestjaw il-proċeduri meħtieġa qabel l-implimentazzjoni. Sabiex ikun jista' jsir dan, il-BĊE għandu jibgħat is-sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE lil dawk il-BĊNi qabel id-data meta jsiru BĊNi parteċipanti, unikament għall-iskop ta' ttestjar u mhux għal użu f'ċirkwiti ta' feedback.

(9) Għalhekk, il-Linja Gwida (UE) 2017/2335 (BĊE/2017/38) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Il-Linja Gwida (UE) 2017/2335 (BĊE/2017/38) hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din il-Linja Gwida tipprovdi dettalji dwar l-obbligi tal-BĊNi li jittrażmettu *data* ta' kreditu u *data* ta' referenza tal-kontroparti miġbura skont ir-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13) lill-BĊE, inklużi r-responsabbiltajiet tal-BĊNi biex jirreġistraw kontropartijiet fir-RIAD, u dwar il-proċeduri għat-trażmissjoni ta' dik id-*data*. Din il-Linja Gwida tistabbilixxi wkoll qafas għall-BĊNi sabiex jipparteċipaw, fuq bażi volontarja, f'arranġamenti għat-trażmissjoni u l-kondiviżjoni ta' ċerti subsettijiet ta' *data* dwar il-kreditu u d-*data* ta' referenza tal-kontroparti relatata, bil-għan li jiġu stabbiliti jew imsaħħa ċ-ċirkwiti ta' feedback mal-aġenti li jirrapportaw (iktar 'il quddiem imsejħa wkoll "qafas taċ-ċirkwiti ta' feedback tal-AnaCredit").";

(2) fl-Artikolu 2, qegħdin jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(14) "BĊN parteċipi" tfisser BĊN elenkat fl-Anness IV li jkun beda jipparteċipa fil-qafas ta' ċirkwiti ta' feedback tal-AnaCredit, mid-data speċifikata f'dak l-Anness;

(15) "BĊN riċeventi" tfisser BĊN parteċipi li jirċievi sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE skont l-Artikolu 16d;

(16) "sett ta' *data* minimu" tfisser is-subsett minimu ta' *data* dwar il-kreditu u d-*data* ta' referenza tal-kontroparti relatata miġbura skont ir-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13) mill-BĊNi parteċipi kif identifikat mill-attributi tad-*data* speċifikati fl-Anness III;

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru, 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 23).

([3]) Il-Linja Gwida (UE) 2017/2335 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Novembru 2017 dwar il-proċeduri għall-ġbir ta' mikrodejta dwar il-kreditu u r-riskju tal-kreditu (BĊE/2017/38) (ĠU L 333, 15.12.2017, p. 66).

(17) "attribut operazzjonali" tfisser attribut tad-*data* tas-sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE li jintuża biss għall-immaniġġjar u t-tħejjija tas-sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE u taċ-ċirkwiti ta' feedback mill-BĊNi lill-aġenti li jirrapportaw, u huwa identifikat bħala "attribut operazzjonali" fl-Anness III;

(18) "attribut varjabbli" tfisser attribut tad-*data* tas-sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE li ma jinstabx fis-sett ta' *data* minimu u li m'huwiex attribut operazzjonali;

(19) "sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE" tfisser is-subsett massimu ta' *data* dwar il-kreditu u d-*data* ta' referenza tal-kontroparti relatata, kif identifikata mill-attributi ta' *data* speċifikati fl-Anness III, miġbura skont ir-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13) mill-BĊNi parteċipi jew, għall-finijiet tal-Artikolu 16d(1), mill-BĊNi elenkati fl-Anness IV qabel ma jsiru BĊNi parteċipi;

(20) "trażmissjoni regolari" tfisser it-trażmissjoni regolari ta' kull xahar mill-BĊE lil BĊN riċeventi, għal skopijiet ta' ċirkwiti ta' feedback, tas-sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE skont l-Artikolu 16d;

(21) "debitur prospettiv" tfisser entità legali jew parti minn entità legali, residenti fi kwalunkwe pajjiż tad-dinja, li japplika għal strument ma' aġent osservat;

(22) "talba *ad-hoc*" tfisser talba mingħand BĊN parteċipi lill-BĊE għal *data* dwar il-kreditu u *data* ta' referenza tal-kontroparti relatata għal strumenti relatati ma' mill-inqas debitur prospettiv wieħed;

(23) "kopja tad-deheb" tfisser il-verżjoni oriġinali uffiċjali tad-*data* dwar il-kreditu u tad-*data* ta' referenza tal-kontroparti li tinġabar skont ir-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13), u ġġenerata wara verifika mill-BĊE li din id-*data* tissodisfa l-istandards ta' kwalità stipulati f'dak ir-Regolament.";

(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafu (5) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Jekk ikun hemm arranġament bejn żewġ BĊNi rilevanti skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13) li jwassal biex wieħed biss minnhom jiġbor u jittrażmetti d-*data* kollha (Mudelli 1 u 2) minn fergħa barranija ta' RMS lill-BĊE, allura:

(a) il-BĊN li ma jittrażmettix *data* lill-BĊE jista' jiddeċiedi li ma jiġbor ebda *data* minn din il-fergħa barranija ta' RMS skont l-Artikoli 8(5) u 16(3) tar-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13) biex jiġi evitat rapportar doppju;

(b) il-BĊE għandu jibgħat id-*data* trażmessa b'rabta mal-fergħa barranija tal-RMS lill-BĊN li ma jittrażmettix *data* lill-BĊE għall-użu skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13); u

(c) huwa meqjus li l-BĊN li jittrażmetti *data* mill-fergħa barranija tal-RMS lill-BĊE ma jiċħadx l-aċċess għal din id-*data* lill-BĊN l-ieħor li ma jittrażmettix *data* lill-BĊE għall-finijiet ta' ċirkwit ta' feedback skont l-Artikolu 16e ta' din il-Linja Gwida.";

(4) jiddaħħal il-Kapitolu Va li ġej:

"KAPITOLU Va

**QAFAS TAĊ-ĊIRKWITI TA' FEEDBACK TAL-ANACREDIT**

*Artikolu 16a*

**Il-parteċipazzjoni u t-terminazzjoni tal-parteċipazzjoni fil-qafas taċ-ċirkwiti ta' feedback tal-AnaCredit**

1. Il-BĊNi jistgħu jipparteċipaw fil-qafas taċ-ċirkwiti ta' feedback tal-AnaCredit fuq bażi volontarja. Il-BĊNi elenkati fl-Anness IV għandhom isiru BĊNi parteċipi għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida mid-data speċifikata f'dak l-Anness.

2. BĊN li m'huwiex elenkat fl-Anness IV jista' jitlob li jipparteċipa fil-qafas taċ-ċirkwit ta' feedback tal-AnaCredit billi jissottometti avviż bil-miktub minn qabel lill-Kunsill Governattiv li jispeċifika d-data minn meta jipproponi li jsir BĊN parteċipi. Il-BĊN għandu jkun inkluż fil-lista fl-Anness IV permezz ta' emenda teknika għal dak l-Anness u, fejn meħtieġ, għall-Anness III skont l-Artikolu 20.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, emenda teknika tikkonsisti fl-inklużjoni fl-Anness IV tal-isem tal-BĊN u d-data minn meta ser isir BĊN parteċipi u, fejn meħtieġ, speċifikazzjoni ta' dawk l-attributi tad-*data* fis-sett tad-*data* taċ-ċirkwiti ta' feedback tal-BĊE fl-Anness III li fir-rigward tagħhom dak il-BĊN ma jaqbilx li jikkondividi d-*data* relatata sabiex jiġu pprovduti ċirkwiti ta' feedback lill-aġenti li jirrapportaw skont l-Artikolu 16c.

3. BĊN parteċipi jista' jitlob bidla fl-ispeċifikazzjoni tal-attributi tad-*data* tiegħu kif imsemmi fi-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2. Il-bidla għandha tidħol fis-seħħ wara emenda teknika għall-Anness III skont l-Artikolu 20.

4. BĊN parteċipi jista' jitlob li jtemm il-parteċipazzjoni tiegħu fil-qafas taċ-ċirkwiti ta' feedback tal-AnaCredit billi jissottometti avviż bil-miktub mhux inqas minn disgħin jum qabel lill-Kunsill Governattiv. It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ wara emenda teknika għall-Anness IV u, fejn meħtieġ, għall-Anness III skont l-Artikolu 20. Kwalunkwe terminazzjoni ta' parteċipazzjoni m'għandhiex tippreġudika l-kontinwazzjoni u s-sopravivenza ta' kwalunkwe wieħed mid-drittijiet u l-obbligi ta' kull wieħed mill-BĊNi li jeżistu fid-*data* jew qabel id-*data* li fiha din it-terminazzjoni tidħol fis-seħħ.

*Artikolu 16b*

**Rekwiżiti għall-parteċipazzjoni fil-qafas taċ-ċirkwiti ta' feedback tal-AnaCredit**

Taħt il-qafas taċ-ċirkwiti ta' feedback tal-AnaCredit, il-BĊNi parteċipi se jkunu meħtieġa:

(a) jagħtu lill-BĊNi riċeventi li jkunu qegħdin jikkondividu mal-aġenti li jirrapportaw residenti tagħhom mill-inqas is-sett minimu ta' *data* għall-finijiet ta' ċirkwiti ta' feedback; u

(b) jimplimentaw arranġamenti sabiex jinkludu mill-inqas id-*data* dwar il-kreditu u d-*data* ta' referenza tal-kontroparti li tikkorrispondi għall-attributi tad-*data* fis-sett ta' *data* minimu li tirrigwarda kwalunkwe strument relatat ma' debitur jew debitur prospettiv fiċ-ċirkwit ta' feedback ipprovdut lill-aġenti li jirrapportaw residenti.

BĊNi li ma jikkonformawx ma' dawn ir-rekwiżiti m'humiex se jipparteċipaw fil-qafas taċ-ċirkwiti ta' feedback tal-AnaCredit.

*Artikolu 16c*

**Il-kondiviżjoni tad-*data* li tikkorrispondi għall-attributi varjabbli**

1. BĊN parteċipi jista' jiddeċiedi, fid-diskrezzjoni tiegħu, li ma jagħtix kunsens lil BĊNi riċeventi li jinkludu kwalunkwe attribut varjabbli fid-*data* kondiviża mal-aġenti li jirrapportaw residenti tagħhom, għall-finijiet ta' ċirkwit ta' feedback. Id-deċiżjonijiet tal-BĊNi parteċipi huma indikati fl-Anness III. BĊN riċeventi jista' ma jinkludix attributi varjabbli bħal dawn fid-*data* kondiviża mal-aġenti li jirrapportaw residenti tiegħu, għall-finijiet ta' ċirkwit ta' feedback.

2. Jekk BĊN parteċipi jiddeċiedi li ma jagħtix kunsens lil BĊNi riċeventi li jinkludu attribut varjabbli wieħed jew aktar fid-*data* kondiviża mal-aġenti li jirrapportaw residenti tagħhom għall-finijiet ta' ċirkwit ta' feedback, il-BĊN parteċipi m'għandux jipprovdi s-sett ta' *data* ekwivalenti miġbura minn BĊNi parteċipi oħrajn lill-aġenti li jirrapportaw tiegħu stess.

3. Soġġett għall-paragrafi 1 u 2, BĊN riċeventi jista' jiddeċiedi, fid-diskrezzjoni tiegħu, li jinkludi jew jeskludi kwalunkwe attribut varjabbli fid-*data* kondiviża mal-aġenti li jirrapportaw residenti tiegħu.

4. Jekk BĊN huwa responsabbli taħt l-Artikolu 6 ta' din il-Linja Gwida mir-rapportar lill-BĊE ta' *data* dwar il-kreditu u tad-*data* ta' referenza tal-kontroparti li tirrigwarda fergħa barranija tal-RMS, id-*data* li tikkorrispondi għall-attributi varjabbli relatati ma' dik il-fergħa barranija tal-RMS tista' tingħata, għall-finijiet ta' ċirkwit ta' feedback, lil aġent li jirrapporta residenti mill-BĊN parteċipi fl-Istat Membru li fih il-fergħa barranija tal-RMS hija residenti jew mill-BĊN parteċipi fl-Istat Membru tal-uffiċċju prinċipali tal-impriża tal-fergħa barranija tal-RMS.

*Artikolu 16d*

**It-trażmissjoni ta' *data* mill-BĊE**

1. Mill-1 ta' April 2020, il-BĊE għandu jittrasmetti s-sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE lil kull BĊN elenkat fl-Anness IV qabel id-data, kif speċifikata f'dak l-Anness, meta jsir BĊN parteċipi. Il-BĊN m'għandux ikollu d-dritt li juża d-*data* li jirċievi mill-BĊE għall-finijiet ta' ċirkwit ta' *feedback* skont l-Artikolu 16e qabel ma jsir BĊN parteċipi fid-data speċifikata fl-Anness IV. Il-BĊN għandu juża biss id-*data* li jirċievi mill-BĊE għall-finijiet tal-ittestjar tal-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 16b(b) qabel l-implimentazzjoni ta' dawk l-arranġamenti fid-data meta jsir BĊN parteċipi u skont l-Artikolu 16e(9).

2. Il-BĊE għandu jibgħat sett ta' *data* ta' ċirkwit ta' feedback tal-BĊE lil kull BĊN riċeventi permezz ta' trażmissjonijiet regolari, immedjatament wara li tiġi ġġenerata l-kopja tad-deheb.

3. Kull sett ta' *data* ta' ċirkwit ta' feedback tal-BĊE mibgħut permezz ta' trażmissjoni regolari għandu jkun relatat biss ma' strumenti fejn mill-inqas debitur wieħed huwa entità legali jew huwa parti minn entità legali li tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-debitur huwa residenti fl-Istat Membru tal-BĊN riċeventi u d-*data* dwar il-kreditu relatata miegħu hija rrapportata lill-BĊE minn mill-inqas BĊN parteċipi ieħor;

(b) id-debitur m'huwiex residenti fl-Istat Membru tal-BĊN riċeventi u d-*data* dwar il-kreditu relatata miegħu hija rrapportata lill-BĊE kemm mill-BĊN riċeventi kif ukoll minn mill-inqas BĊN parteċipi ieħor;

(c) id-debitur huwa parti għal strument mogħti minn jew permezz ta' fergħa barranija tal-RMS fejn dik il-fergħa barranija tal-RMS jew l-uffiċċju prinċipali tal-impriża ta' dik il-fergħa barranija tal-RMS huma residenti fl-Istat Membru tal-BĊN riċeventi u d-*data* dwar il-kreditu u d-*data* ta' referenza tal-kontroparti relatata miegħu tiġi rrapportata lill-BĊE minn BĊN ieħor responsabbli, skont l-Artikolu 6, mir-rapportar tad-*data* dwar il-kreditu u tad-*data* ta' referenza tal-kontroparti ta' dik il-fergħa barranija tal-RMS lill-BĊE.

4. Il-BĊE għandu jittrażmetti lill-BĊNi riċeventi kwalunkwe reviżjoni riċevuta li tirrigwarda l-informazzjoni inkluża qabel fi trażmissjonijiet regolari skont il-politika ta' reviżjoni msemmija fil-punt 4 tal-Anness V għar-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13).

5. BĊN parteċipi jista' jibgħat lill-BĊE talba *ad-hoc* relatata ma' debitur prospettiv li applika għal strument ma' aġent li jirrapporta, jew ma' kwalunkwe aġent osservat tiegħu, residenti fl-Istat Membru tal-BĊN parteċipi rikjedenti.

6. Il-BĊE għandu jittrażmetti s-sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE relatata mad-debitur prospettiv rilevanti lill-BĊN parteċipi rikjedenti b'risposta għal talba *ad-hoc*, diment li t-talba *ad-hoc* tkun relatata ma' debitur prospettiv li d-*data* tiegħu tkun irrapportata lill-BĊE.

7. Il-BĊE għandu jwieġeb għal talba *ad-hoc* sat-tmiem tal-jum ta' xogħol ta' wara dak li fih tkun waslet it-talba *ad-hoc*.

8. Il-BĊE għandu jiżgura li l-informazzjoni trażmessa taħt dan l-Artikolu tkun identika għal dik trażmessa mill-BĊNi lill-BĊE u li l-informazzjoni trażmessa lil kull BĊN riċeventi għandha tirreferi biss għall-istrumenti relatati ma' debituri jew debituri prospettivi speċifikati fil-paragrafi 3 jew 5.

*Artikolu 16e*

**Il-kondiviżjoni tad-*data* mill-BĊNi riċeventi mal-aġenti li jirrapportaw u r-restrizzjonijiet applikabbli**

1. BĊN riċeventi għandu d-dritt li juża d-*data* riċevuta mill-BĊE skont l-Artikolu 16d għall-finijiet ta' ċirkwit ta' feedback skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Ċirkwit ta' feedback kif imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi stabbilit minn BĊN riċeventi ma' aġenti li jirrapportaw residenti, inklużi aġenti li jirrapportaw żgħar li jingħataw deroga skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13) u aġenti li jirrapportaw li jirrapportaw *data* fuq frekwenza ta' rapportar imnaqqsa skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13).

3. Id-*data* użata fiċ-ċirkwiti ta' feedback għandha tinkludi, mill-inqas, is-sett ta' *data* minimu. Id-*data* użata fiċ-ċirkwiti ta' feedback tista' tinkludi wkoll id-*data* li tikkorrispondi għall-attributi varjabbli, diment li l-BĊNi riċeventi jeskludu d-*data* miġbura minn BĊNi parteċipi oħrajn, fejn dawn il-BĊNi parteċipi l-oħrajn ma tawx il-kunsens tagħhom għall-kondiviżjoni ta' dik id-*data* skont l-Artikolu 16c.

4. BĊN riċeventi ma jistax jipprovdi *data* dwar il-kreditu jew *data* ta' referenza ta' kontroparti lil aġent li jirrapporta li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE li jkun irċieva. Il-BĊNi riċeventi m'għandhomx jikkondividu attributi operazzjonali mal-aġenti li jirrapportaw residenti tagħhom.

5. BĊN parteċipi jista' jidentifika ċerta informazzjoni fil-livell ta' strument bħala li ma tistax tintuża għall-finijiet ta' ċirkwit ta' feedback, għal perjodu limitat ta' żmien, minħabba restrizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-kwalità tal-informazzjoni. Id-*data* trażmessa mill-BĊE lill-BĊNi riċeventi għandha tinkludi identifikazzjoni bħal din. BĊN riċeventi m'għandux jinkludi l-informazzjoni identifikata fiċ-ċirkwiti ta' feedback lill-aġenti li jirrapportaw residenti.

6. Id-*data* miġbura mill-BĊNi li mhumiex qegħdin jipparteċipaw fil-qafas taċ-ċirkwiti ta' feedback tal-AnaCredit ma tistax tintuża mill-BĊNi parteċipi sabiex jistabbilixxu jew iżommu ċirkwit ta' feedback, ħlief skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament UE 2016/867 (BĊE/2016/13), fejn huwa meqjus li l-aċċess għal tali skopijiet m'huwiex miċħud minn BĊN mhux parteċipi skont l-Artikolu 6(5) jew fejn id-*data* tkun dwar unità istituzzjonali ta' aġent li jirrapporta stabbilit fi Stat Membru li jirrapporta, li dejjem tista' tintuża għal ċirkwiti ta' feedback mill-BĊN rilevanti tal-aġent li jirrapporta, irrispettivament minn fejn tkun residenti l-unità istituzzjonali.

7. BĊN riċeventi jista' jikkondividi mal-aġenti li jirrapportaw residenti tiegħu d-*data* riċevuta mill-BĊE skont dan l-Artikolu; jista' jipprovdi *data* fl-istess livell ta' granularità tad-*data* trażmessa mill-BĊE jew f'livell aktar aggregat.

8. Meta jipprovdu ċirkwiti ta' feedback lill-aġenti li jirrapportaw, il-BĊNi riċeventi għandhom jiżguraw li l-aġenti osservati, l-aġenti li jirrapportaw, il-kredituri, is-servizzjanti u l-oriġinaturi li l-informazzjoni dwarhom ġiet trażmessa mill-BĊE lill-BĊNi riċeventi ma jistgħux jiġu identifikati.

9. Il-BĊNi riċeventi għandhom jittrattaw l-informazzjoni riċevuta mill-BĊE skont il-qafas legali nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità tad-*data* u l-Artikoli 8 sa 8c tar-Regolament (KE) Nru 2533/98.

10. BĊN riċeventi għandu jinforma lill-popolazzjoni li tirrapporta residenti tiegħu li, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13):

(a) l-aġenti li jirrapportaw għandhom jużaw is-subsett ta' *data* dwar il-kreditu u d-*data* ta' referenza tal-kontroparti li jirċievu permezz ta' ċirkwiti ta' feedback u miġbura minn BĊNi parteċipi oħrajn esklużivament għall-immaniġġjar tar-riskju ta' kreditu u biex itejbu l-kwalità tal-informazzjoni ta' kreditu disponibbli għalihom fir-rigward ta' strumenti eżistenti jew prospettivi;

(b) L-aġenti li jirrapportaw huma pprojbiti milli jikkondividu s-subsett ta' *data* msemmija f'(a) ma' partijiet oħra jew ma' fornituri kummerċjali, ħlief fejn il-kondiviżjoni tad-*data* mal-fornituri tas-servizz huwa awtorizzat skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13);

(c) mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni ta' BĊN li jagħti aċċess għal *data* speċifika dwar kreditu lil aġent li jirrapporta permezz ta' ċirkwit ta' feedback, tali aċċess jista' jkun miċħud fuq bażi temporanja meta l-aġent li jirrapporta ma jkunx osserva l-obbligi ta' rapportar statistiku tiegħu stess taħt ir-Regolament (UE) 2016/867 (BĊE/2016/13), b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità u l-preċiżjoni tad-*data*, jew fejn l-aġent li jirrapporta ma jkunx osserva l-obbligi tiegħu taħt (a) jew (b). F'dawk il-każijiet il-BĊN riċeventi għandu jinforma lill-aġent li jirrapporta li l-aċċess tiegħu għaċ-ċirkwit ta' feedback huwa sospiż; u

(d) l-aġenti li jirrapportaw għandhom jipproteġu l-kunfidenzjalità tas-subsett ta' *data* msemmija f'(a) f'konformità mal-aħjar prattiki u skont il-liġi nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni applikabbli.

*Artikolu 16f*

**Ir-responsabbiltà tal-BĊNi parteċipi li jipprovdu aċċess għad-*data***

1. BĊN riċeventi huwa unikament responsabbli għall-istabbiliment ta' ċirkwit ta' feedback jew ta' servizzi ta' informazzjoni oħrajn mir-RĊK tiegħu lill-aġenti li jirrapportaw, inkluża l-proċedura ta' għoti ta' aċċess lill-aġenti li jirrapportaw u ta' infurzar tal-konformità mill-aġenti li jirrapportaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 16e.

2. Fejn entitajiet legali jew partijiet ta' entitajiet legali li dwarhom *data* dwar il-kreditu ġiet irrapportata huma intitolati li jaċċessaw tali *data* jew jeħtieġu r-rettifika u/jew it-tħassir ta' tali *data*, inkluż fejn tali *data* hija pprovduta lill-aġenti li jirrapportaw għall-finijiet ta' ċirkwit ta' feedback jew servizz ta' informazzjoni ieħor mir-RĊK rilevanti, il-BĊN rilevanti għandu jimplimenta proċeduri sabiex (a) jipprovdi aċċess għad-*data*, (b) jeżiġi li d-*data* żbaljata tiġi rettifikata mill-aġenti li jirrapportaw u (c) jinforma lill-aġenti li jirrapportaw ma' min ġiet kondiviża l-informazzjoni.

3. Fil-każ ta' talbiet relatati ma' informazzjoni inkluża f'ċirkwiti ta' feedback u derivata mit-trażmissjoni ta' *data* magħmula minn BĊN ieħor, il-BĊN li jirċievi t-talbiet għandu jikkuntattja lill-BĊN li ttrażmetta d-*data* lill-BĊE u jikkooperaw fl-investigazzjoni tal-korrettezza tal-informazzjoni u fit-tħejjija tar-risposta għat-talba tad-debitur.";

(5) it-test stabbilit fl-Anness I għal din il-Linja Gwida huwa miżjud bħala Anness III għal-Linja Gwida (UE) 2017/2335 (BĊE/2017/38);

(6) it-test stabbilit fl-Anness II għal din il-Linja Gwida huwa miżjud bħala Anness IV għal-Linja Gwida (UE) 2017/2335 (BĊE/2017/38).

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' April 2020.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Frar 2020.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*
*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE

*ANNESS I*

*"ANNESS III*

## Attributi tad-*data* għall-finijiet ta' ċirkwiti ta' feedback

| Attributi tad-*data* inklużi fis-settijiet ta' *data* trażmessi mill-BĊE skont l-Artikolu 16d u arranġamenti għall-kondiviżjoni tad-*data* sabiex jiġu pprovduti ċirkwiti ta' feedback lill-aġenti li jirrapportaw | | |
|---|---|---|
| Attributi tad-*data* | Settijiet tad-*data* (ċirkwit ta' feedback minimu jew tal-BĊE ([1])) | BĊNi parteċipi ([2]) li ma jagħtux kunsens għall-kondiviżjoni tad-*data* skont l-Artikolu 16c(1) |
| ***Data* ta' referenza** (*) | | |
| Pajjiż tal-BĊN | Sett ta' *data* minimu | Mhux applikabbli |
| Pajjiż tal-kreditur | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | ES ma tagħtix kunsens għall-kondiviżjoni |
| Debitur: Isem | Sett ta' *data* minimu | Mhux applikabbli |
| Debitur: Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) | Sett ta' *data* minimu | Mhux applikabbli |
| Debitur: pajjiż | Sett ta' *data* minimu | Mhux applikabbli |
| Identifikatur tal-uffiċċju prinċipali tal-impriża | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-entità omm aħħarija | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | IT ma tagħtix kunsens għall-kondiviżjoni |
| Forma legali | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Settur istituzzjonali | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Status tal-proċediment legali u d-*data* tal-bidu tal-proċedimenti legali | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | SK u ES ma jagħtux kunsens għall-kondiviżjoni taż-żewġ attributi<br>AT ma tagħtix kunsens għall-kondiviżjoni taż-żewġ attributi meta jirreferu għal "miżuri legali oħrajn" |
| ***Data* dwar l-istrument** | | |
| Identifikatur ta' aġent osservat (attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-kuntratt (attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-istrument (attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Tip ta' strument | Sett ta' *data* minimu | Mhux applikabbli |
| Munita | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | AT ma tagħtix kunsens għall-kondiviżjoni |
| *data* tal-bidu | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | AT u ES ma jagħtux kunsens għall-kondiviżjoni |

| Attributi tad-*data* inklużi fis-settijiet ta' *data* trażmessi mill-BĊE skont l-Artikolu 16d u arranġamenti għall-kondiviżjoni tad-*data* sabiex jiġu pprovduti ċirkwiti ta' feedback lill-aġenti li jirrapportaw | | |
|---|---|---|
| Attributi tad-*data* | Settijiet tad-*data* (ċirkwit ta' feedback minimu jew tal-BĊE [1]) | BĊNi parteċipi [2] li ma jagħtux kunsens għall-kondiviżjoni tad-*data* skont l-Artikolu 16c(1) |
| Strument fiduċjarju<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | AT ma tagħtix kunsens għall-kondiviżjoni ta' kwalunkwe *data* relatata mal-istrumenti li għalihom il-valur ta' dan l-attribut huwa "Strument Fiduċjarju", jiġifieri fil-każ ta' strumenti mqiegħda f'kapaċità ta' fiduċjarju li huma rrapportati minn aġent (osservat) li jirrapporta li m'huwiex il-kreditur tal-istrument. |
| *data* tal-maturità finali legali | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | AT u ES ma jagħtux kunsens għall-kondiviżjoni |
| L-ammont tal-impenn fil-bidu | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Għan | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | AT ma tagħtix kunsens għall-kondiviżjoni |
| Rikors<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | AT ma tagħtix kunsens għall-kondiviżjoni ta' kwalunkwe *data* relatata ma' strumenti tat-tip 'Riċevibbli tan-negozju' meta l-valur ta dan l-attribut huwa 'Ebda rikors'.<br>PT ma jagħtix kunsens għall-kondiviżjoni ta kwalunkwe *data* relatata ma' strumenti ta' fatturament meta l-attribut huwa "Ebda rikors" u l-attribut "Arretrati" huwa 0 jew jeżisti iżda ilu skadut għal inqas minn 90 jum. |
| ***Data* finanzjarja** | | |
| Identifikatur ta' aġent osservat<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-kuntratt<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-istrument<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Ammont nominali dovut | Settijiet ta' *data* minimi | Mhux applikabbli |
| Ammont li mhux fuq il-karta tal-bilanċ | Settijiet ta' *data* minimi | Mhux applikabbli |
| Arretrati għall-istrument | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | ES ma tagħtix kunsens għall-kondiviżjoni ta' dan l-attribut jekk ikun relatat ma' strumenti li ilhom inqas minn 90 jum skaduti<br>AT ma tagħtix kunsens għall-kondiviżjoni ta' dan l-attribut jekk ikun iffiltrat skont id-data ta' skadenza |

| Attributi tad-*data* inklużi fis-settijiet ta' *data* trażmessi mill-BĊE skont l-Artikolu 16d u arranġamenti għall-kondiviżjoni tad-*data* sabiex jiġu pprovduti ċirkwiti ta' feedback lill-aġenti li jirrapportaw | | |
|---|---|---|
| Attributi tad-*data* | Settijiet tad-*data* (ċirkwit ta' feedback minimu jew tal-BĊE ([1])) | BĊNi parteċipi ([2]) li ma jagħtux kunsens għall-kondiviżjoni tad-*data* skont l-Artikolu 16c(1) |
| data ta' skadenza għall-istrument | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | AT u ES ma jagħtux kunsens għall-kondiviżjoni.<br>ES tittratta dan l-attribut bħala attribut operazzjonali sabiex jintgħażlu strumenti li ilhom inqas minn 90 jum skaduti. |
| Ammont ittrasferit<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Imgħax akkumulat | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| ***Data* dwar l-istrument u l-kontroparti** | | |
| Identifikatur ta' aġent osservat<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-kuntratt<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-istrument<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-kontroparti: kreditur, servizzjant, oriġinatur<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-kontroparti: debitur | Sett ta' *data* minimu | Mhux applikabbli |
| Rwol tal-kontroparti (attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| ***Data* dwar l-obbligazzjonijiet in solidum** | | |
| Identifikatur ta' aġent osservat<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-kuntratt<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-istrument<br>(attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-kontroparti ([3]) | Sett ta' *data* minimu | Mhux applikabbli |
| Ammont tal-obbligazzjoni *in solidum* | Sett ta' *data* minimu | Mhux applikabbli |
| ***Data* dwar il-kontabilità** | | |
| Identifikatur ta' aġent osservat<br>(Attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-kuntratt<br>(Attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-istrument<br>(Attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Tħassir akkumulat | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | AT ma tagħtix kunsens għall-kondiviżjoni |

Attributi tad-*data* inklużi fis-settijiet ta' *data* trażmessi mill-BĊE skont l-Artikolu 16d u arranġamenti għall-kondiviżjoni tad-*data* sabiex jiġu pprovduti ċirkwiti ta' feedback lill-aġenti li jirrapportaw

| Attributi tad-*data* | Settijiet tad-*data* (ċirkwit ta' feedback minimu jew tal-BĊE ([1])) | BĊNi parteċipi ([2]) li ma jagħtux kunsens għall-kondiviżjoni tad-*data* skont l-Artikolu 16c(1) |
|---|---|---|
| ***Data* dwar il-protezzjoni riċevuta** | | |
| Identifikatur ta' aġent osservat (Attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-protezzjoni (Attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-fornitur tal-protezzjoni (Attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Tip ta' protezzjoni | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | AT ma tagħtix kunsens għall-kondiviżjoni |
| ***Data* dwar l-istrument-protezzjoni riċevuta** ([4]) | | |
| Identifikatur ta' aġent osservat (attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-kuntratt (attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-istrument (attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |
| Identifikatur tal-protezzjoni (attribut operazzjonali) | Sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE | |

(*) Il-BĊNi jisiltu dawn l-attributi mir-RIAD, jekk ikunu mmarkati "F", li tfisser "free" (miftuħa), jiġifieri mhumiex kunfidenzjali u jistgħu jiġu ppubblikati jew "R" li tfisser li, minbarra l-użi permessi taħt l-Artikolu 10(2)b, valur tal-attribut jista' jiġi kondiviż mal-aġent li jirrapporta li pprovda dik l-informazzjoni, u, soġġett għal kwalunkwe restrizzjoni ta' kunfidenzjalità applikabbli, ma' aġenti li jirrapportaw oħrajn, jiġifieri rilaxx ristrett biss, f'konformità mal-Linja Gwida (UE) 2018/876 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2018 dwar id-*data* base tar-Reġistru tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (BĊE/2018/16) (ĠU L 154, 18.6.2018, p. 3).

([1]) Ara d-definizzjonijiet fl-Artikolu 2.

([2]) Il-BĊNi parteċipi huma indikati bil-kodiċi ISO tal-pajjiżi tal-Istat Membru tagħhom.

([3]) Fil-livell nazzjonali, fit-trażmissjoni regolari, il-BĊN riċeventi jikkondividi ma' aġenti li jirrapportaw residenti l-kodebituri biss (identifikatur u ammont tal-obbligazzjoni *in solidum*) li għandhom self mal-aġenti li jirrapportaw residenti.

([4]) Il-BĊNi jistgħu jużaw dawn l-attributi sabiex jimmarkaw fiċ-ċirkwiti ta' feedback l-istrumenti relatati ma' entrati protetti."

*ANNESS II*

*"ANNESS IV*

**Parteċipazzjoni fil-qafas taċ-ċirkwiti ta' feedback tal-AnaCredit**

Il-BĊNi li ġejjin huma kkunsidrati bħala BĊNi parteċipi għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida, mid-data tal-bidu tal-parteċipazzjoni indikata.

Wara l-1 ta' April 2020 u qabel id-data tal-bidu relevanti tal-parteċipazzjoni, il-BĊNi ser jirċievu s-sett ta' *data* taċ-ċirkwit ta' feedback tal-BĊE għall-finijiet ta' ttestjar skont l-Artikolu 16d(1).

| BĊNi | Data tal-bidu tal-parteċipazzjoni |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 1 ta' Lulju 2021 |
| Banco de España | 1 ta' Lulju 2021 |
| Banca d'Italia | 1 ta' Lulju 2021 |
| Oesterreichische Nationalbank | 1 ta' Lulju 2021 |
| Banco de Portugal | 1 ta' Lulju 2021 |
| Národná banka Slovenska | 1 ta' Lulju 2021" |